## 3 ta' April, 1987

## Imħallef: –

## Onor. J.D. Camilleri B.A., LL.D.

Silvio Mifsud u Adrian Mifsud għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà *S. Mifsud & Sons Ltd.* u din in rappresentanza tas-soċjetà estera *Mutuamar Società di Assicurazioni e Riassicurazioni per azioni* kif issurrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħhom *E. Asciak & Sons Ltd.* in forza tal-liġi u tal-Polza ta' Assikurazzjoni numri 7701/1083

*versus*

Godwin Abela u Carmelo Zarb għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà *The Cargo Handling Co. Ltd.* u Joseph Curmi u Albert Mizzi għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà *Sea Malta Co. Ltd.* fil-kwalità tagħhom ta' proprjetarji tal-vapur M/V Żejtun u in rappresentanza ta' l-istess.

**Danni – Merkanzija – Nuqqasijiet – *Tally Sheets***

*L-attur assikuratur issurrogat aġixxa sabiex jirkupra d-danni sofferti mill-assikurat tagħhom minħabba merkanzija li waslet nieqsa.*

*Irriżulta illi d-ditta assikurata mill-attur ma rċevitx il-merkanzija peress li din ġiet misruqa. Il-Qorti sabet illi tali nuqqasijiet ġraw meta l-merkanzija taħt il-kustodja u r-responsabbilità tal-kuntrattur portwali l-konvenut "The Cargo Handling Co. Limited".*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi *nomine* wara li ppremettew, illi l-assikurat ta' l-attur *nomine E. Asciak & Sons Ltd.* importat konsenja ta' *bedspreads* li waslet f'Malta fuq il-vapur M/V Żejtun fit-2 ta' Ġunju 1980; u premess illi kif jidher mis-*survey report* numri 7701/1083 uħud minn din il-konsenja waslet f'Malta ddanneġġjata u/jew b'xi nuqqasijiet; u premess illi l-assigurat/importatur *E. Asciak & Sons Ltd.* in froza tal-Polza ta' Assikurazzjoni numri 7701/1083 ġiet ikkompensata għad-danni minnhà sofferti fl-ammont ta' Lm300 u *di più* ssurrogat lid-ditta attriċi fid-drittijiet tagħha – Dok. A – li nefqet l-ammont ta' Lm6 spejjeż ta' *Survey* u *Customs Certificate* b'kollox għalhekk għandha tiġbor l-ammont ta' Lm306; u premess illi dawn id-danni li għalihom għamel tajjeb l-attur *nomine* ġew ikkawżati mill-konvenuti *nomine* jew min minnhom, li għalkemm interpellati sabiex iħallsu baqgħu inadempjenti; l-istess atturi *nomine* talbu li l-konvenuti *nomine*, jew min minnhom, (1) jiġu ddikjarati responsabbli għad-danni kkaġonati mill-assikurat ta' l-attur *nomine* li għalihom għamel tajjeb l-istess attur *nomine;* (2) jiġu llikwidati d-danni sofferti mill-attur *nomine,* jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi; (3) jiġu kkundannati jħallsu lill-attur *nomine* dik is-somma li tiġi hekk illikwidata in linea ta' danni skond kif intqal

fuq u għar-raġunijiet fuq premessi; Bl-imgħax legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine;*

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' Eċċezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela u Carmelo Zarb *nomine* li biha eċċepew illi t-talbiet attriċi, in kwantu diretti kontra s-soċjetà *The Cargo Handling Co. Ltd.*, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress illi s-soċjetà *The Cargo Handling Co. Ltd.* ma hijiex responsabbli għad-danni u/jew nuqqasijiet allegati *stante* illi hija kkonsenjat il-merkanzija *"de quo"* fl-ammont u fl-istat illi hija rċevietu. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenuti;

Rat in-nota ta' Eċċezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Curmi u Albert Mizzi *nomine* li biha eċċepew illi fl-ewwel lok l-azzjoni hi preskritta a tenur ta' l-artikolu 636(ċ) tal-Kodiċi tal-Kummerċ; (liema eċċezzjoni ġiet irtirata fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 1983). Illi fil-mertu minn fuq il-vapur M.V. Żejtun ġie skarikat f'Malta dak kollu li kien iddestinat għar-riċevitur; Illi inoltre u bla preġudizzju r-responsabbilità ta' l-eċċipjenti hi limitata skond kif maħsub fil-Polza tal-Kariku fi klawsoli 5, 8 u 19;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenuti;

Eżaminat bir-reqqa l-prova kollha prodotti;

Semgħet lill-Avukati;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirriżulta: (1) Illi l-aġenti tas-soċjetà konvenuta *Sea Malta Co. Ltd.* f'Livorno, ċjoè *Comesmar S.p.A.* (ara *Tally Report* a fol. 24) stivaw il-*"container"* numru IKKU7706 46/9 b'merkanzija fosthom, tliet kartuniet kontenenti gvieret, tal-piż ta' 55 kilogrammi appartenenti lill-assikurat ta' l-atturi *nomine* ċjoè *E. Asciak & Sons Ltd.* Jidher ukoll li l-*container* ġie debitament issiġġillat f'Livorno b'siġilli numru 13279;

(2) Il-*Bill of Lading* a fol. 15 tal-proċess juri li dan il-*container,* bit-tliet kartuniet imsemmija stivati ġo fih tgħabba fuq il-vapur M/V Żejtun f'Livorno fil-25 ta' Ġunju 1980;

(3) Il-vapur imsemmi wasal Malta fit-28 ta' Ġunju 1980 u ħatt il-*containers* f'*Laboratory Wharf.* Il-*container,* aktar tard ittieħed fil-Pinto Annex u hemmhekk infetaħ fl-4 ta' Lulju 1980 quddiem rappresentanti taż-żewġ soċjetajiet konvenuti kif ukoll fil-presenza ta' uffiċjal tad-dwana. Mill-*"joint tally"* li sar (ara fol. 23) jirriżulta sodisfaċentement:

(a) li sa dak it-tant il-kontenut tal-*"container"* ma kienx imbagħbas peress li s-siġill estern imsemmi kien għadu intatt. (Li kieku ma kienx intatt kienet issir rimarka appożita fuq it-*tally report);*

(b) li t-tliet kartuniet imsemmija kienu għadhom intatti (li kieku kienu vojta l-impjegat li ċaqlaqhom kien mill-ewwel jinduna u kienet issir ir-rimarka opportuna fuq l-istess *tally sheet;*

Illi minn dawn il-provi jirriżulta sodisfaċentement li l-merkanzija msemmija fiċ-ċitazzjoni attwalment tgħabbiet fuq

il-vapur imsemmi tas-soċjetà konvenuta *Sea Malta Co. Ltd.*, u li din fil-fatt ittrasportata u kkonsenjata intatta f'Malta lis-soċjetà l-oħra konvenuta *"The Cargo Handling Company Limited"*;

Illi rriżulta sodisfaċentement li *"E. Asciak & Sons Limited"* ma rċevewx tali merkanzija peress li l-kontenut tal-kartuniet ġie misruq *"all 3 cartons showed signs of having been tampered with at the bottom and the tape was removed and resealed"* – ara ċ-ċertifikat fl-Avaria a fol. 9 tal-proċess. L-istess fatt – ċjoè li l-kartuniet instabu vojta – jirriżulta miċ-ċertifikat tad-Dwana a fol. 42, mill-*"Cargo Receipt"* tas-soċjetà *Cargo Handling Co. Limited* (ara fol. 54) u mill-*"Gate Pass Out"* ta' l-istess soċjetà a fol. 58 u x-*"ship's release"* a fol. 59;

Illi jirriżulta sodisfaċentement li n-nuqqas imsemmi ġara waqt lil-merkanzija kienet taħt il-kustodja u r-responsabbilità tal-kuntrattur portwali ċjoè s-soċjetà konvenut *"The Cargo Handling Co. Limited"* li ma ġabetx provi sodisfaċenti biex jirnexxielha tiskolpa ruħha mir-responsabbilità għall-istess nuqqas;

Għalhekk l-istess soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni li sofra l-imsemmi assikurat ta' l-attur minħabba l-istess nuqqas;

Illi l-attur irnexxielu jipprova lli d-danni kollha jammontaw għas-somma ta' Lm306 kif imfisser fl-att taċ-ċitazzjoni, liema likwidazzjoni ma ġietx b'ebda mod kontradetta;

Għal dawn il-motivi;

Prevja li tiċħad l-Eċċezzjoni tal-konvenuti Godwin Abela u Carmelo Zarb *nomine* u prevja li tilqa' t-tieni Eċċezzjoni tal-konvenuti Curmi u Mizzi *nomine*, tilqa' t-talbiet ta' l-attur *nomine* u għalhekk tiddikjara lill-konvenuti Godwin Abela u Carmelo Zarb *nomine* unikament responsabbli għad-danni msemmija kkaġunati lill-assigurat ta' l-atturi *nomine*, tillikwida l-istess danni fis-somma ta' tliet mija u sitt liri Maltin (Lm306) u tikkundanna lill-istess konvenuti li jħallsu lill-atturi *nomine* l-imsemmija somma ta' Lm306; bl-imgħax legali mis-26 ta' Jannar 1982. L-ispejjeż kollha jibqgħu a karigu ta' l-istess konvenuti Godwin Abela u Carmelo Zarb *nomine*.